**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA’ NHAR IL-GIMGHA, 30 TA' NOVEMBRU, 2001**

*Avviz. Nru 1319/01 AJD*

Allied Newspapers Limited

vs

Dennis Lauri

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Ottubru, 2001, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba’ mija u tnejn u disghin liri Maltin u disghin centezmu (Lm492.90) rappresentanti servizzi ta’ reklamar li s-socjeta’ attrici rrendiet lill-konvenut fuq ordni u inkarigu tal-istess konvenut, u li l-konvenut naqas li jhallas lis-socjeta’ attrici. Ghalkem il-konvenut gie interpellat biex ihallas, inkluz permezz ta’ ittra bonarja fit-22 ta’ Mejju, 2000, huwa baqa’ inadempjenti fil-hlas totali hawn fuq imsemmi.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra bonarja tat-22 ta’ Mejju, 2000, u bl-interessi mid-data ta’ kull fattura sal-hlas effettiv, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa’ ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Aaron Bugeja, in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u tnejn u disghin liri Maltin u disghin centezmu (Lm492.90) bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill- konvenut skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR